Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 142/2014

Il-Pulizja

(Spettur Dennis Theuma)

Vs

Rosario Brincat

Illum 26 ta' April, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Rosario Brincat, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 755152M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Jannar, 2003, u s-sena ta' qabel, go Hal Qormi, u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kein fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-

disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegewentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-usu eklussiv tieghu;

c. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u

bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. U aktar talli minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta, jew zamm minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe' sellef flus bl-imghaxx lil diversi persuni, dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzarji, Att Nru XXII tal-1994;
e. U aktar talli xjentement kien parti fl-ghemil jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht is-Subartikolu (1) tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, dan bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Att XXII tal-1994 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-25 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti:

Sabet htija tal-akkuzi kollha migjuba kontra Rosario Brincat b'dan illi tqis illi t-tieni (2) u t-tielet(3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, u dan wara li rat:

Ir-Raba' u s-Sitt (IV u VI) Taqsima tal-Ewwel Skeda; l-Artikolu 22(1B), u 22(2)(b) - ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; LS 101.2002, l-Artikoli 3, u 22 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta; Kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, ikkundannat lil Rosario Brincat ghal piena ta' erba' snin u nofs (4 ½); u ghal multa ta' tmint elef Ewro (€8,000).

Tikkundannat lil Rosario Brincat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal tminn mija sebgha u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€827.57), u dan wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u mmarkata bhala KB99.2003 ezebita, u konsegwentement tikkomunikat din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Ordnat kwoll il-konfiska tal-flejjes hekk maqbuda minghand l-imputat fis-somma ta' tminn mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm826.00) ekwivalenti ghal elf disa' mija u

erbgha u ghoxrin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,924.58) formanti parti minn ezebit numru KB15.2003.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rosario Brincat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

Tannulla is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija u moqrija nhar it-25 ta' Marzu, 2014 fil-kawza fi-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Dennis Theuma) vs Rosario Brincat"

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li t-talba sabiex is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-25 ta' Marzu, 2014 fil-kawza fi-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. Dennis Theuma) vs Rosario Brincat" tigi nulla ma tintlaqax joghgobha tilqa' dan l-umli appell billi:

(1) Tikkonfermahha fejn sabitu hati tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet; u
(2) Thassarha u tirrevokahha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u taghha tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah skond il-ligi; u
(3) Thassarha u tirrevokahha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u taghha tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah skond il-ligi;
(4) Thassarha u tirrevokahha fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u taghha tiddikjarah mhux hati u minnha tilliberah skond il-ligi;

u konsewgwentement tghaddi biex taghti dik il-piena jew sanzjoni li tkun tirrifletti dik id-dikjarazzjoni;

(5) Alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Skont Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali:

> "Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti 1-piena u ssemmi 1-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."

L-ewwel Onorabbli Qorti minkejja illi sabet lill-esponent hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni ma ghamlet l-ebda referenza ghal-Kapitolu 376 tal-Ligijijiet ta' Malta u wisq anqas ghall-artikolu 3 U 1-artikolu 22(2) tal-istess Kapitolu illi kien mehtieg li taghmel referenza ghalihom sabiex tiddeciedi fuq is-sejbien ta' htija tal-imputat rigward ir-raba u l-hames imputazzjoni u fuq kollox fuq il-piena.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fl-ewwel lok u bir-rispett l-esponent umilment jirrileva illi s-sejbien ta' htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'.

Naturalment dan l-argument huwa limitat ghal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni.

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond fir-rizultanzi processwali. Dan huwa naturalment apprezzat izda l-esponent huwa tal-umli fehema illi in linea generali r-rizuitanzi processwali huma

nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjest fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, li l-esponent kien jispacca l-eroina, li kien bi hsiebu jispacca 1-istess eroina jew li kien fil-pussess ta' l-eroina. Bir-rispett jinghad li m'hijiex serena l-konkluzjoni li lahqet l-Ewwel Qorti dwar ir-reita'.

Illi huwa veru li mqar xhud wiehed, jekk emmnut, jista jaghmel prova ta' fatt. Izda bir-rispett u in vista tan-natura tal-kaz inkwistjoni, bhal kazijiet simili, wiehed irid juza kawtela kbira meta jigi biex janalizza xhieda partikolari u x'affidament jaghti ghal verzjoni taghhom. U huwa appuntu meta wiehed jaghmel analizi tax-xhieda u tal-kredibilita' ta' l-istar witness ta' dan il-kaz partikolari, li wiehed jirrealizza ghaliex l-esponent umilment jilmenta li s-sejbien tal-htija fil-konfront tieghu hija wahda mhux legittima.

Illi l-ewwel Qorti strahet mhux ftit fuq ix-xhieda ta' Joseph Borg, il-bniedem li originarjament inqabad mill-pulizija bid-droga u illi kemm fl-istqarrija kif ukoll ix-xhieda tieghu fil-qorti jallega li l-eroina kien jixtriha minghand l-esponent. Fl-istqarrija tieghu Joseph Borg jistqarr li kien ilu jiehu d-droga eroina madwar sena u allega li minghand l-esponent kien ilu jixtri l-eroina ghal madwar sitt xhur. Mistoqsi fl-istqarrija jekk l-eroina kienx jixtriha biss minghand l-esponent Joseph Borg wiegeb fl-affermattiv. Bl-akbar rispett, b'din it-twegiba Joseph Borg juru kemm m'huwiex kredibbli u li ma jistax ikun affidabbli. Jekk kif jistqarr huwa stess allegatament huwa kien ilu jixtri l-eroina minghand l-esponent ghal-madwar sitt xhur li kien ilu jiehu l-eroina ghal madwar sena, kif jista jkun li huwa l-eroina kien jixtriha biss minghand l-esponent?

Meta nhar id-29 ta' Jannar 2003, Joseph Borg xehed quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti fil-bidu tax-xhieda beda jilmenta li kien qieghed jibza jixhed ghaliex kien qed jigi mhedded. L-ewwel ilmenta li x'hin kien hdejn id-detox sema li kienu se jaghmlulu bomba. Mistoqsi mill-Qorti minghand min kien sema kumbinazzjoni qal li kienet in-neputija. Ilmenta li cemplulu anke l-habs. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni min kien qed icempillu Joseph Borg jirrispondi li fil-verita' cemplu ghand huh

(konferma li gideb meta qal li cemplulu l-habs). Mistoqsi fejn cemplu lil huh, Joseph Borg stqarr li minkejja li huh jghix mieghu m'ommu, pero kumbinazzjoni huh t-telefonata rceviha ghand il-mara tieghu meta mar jara lill-uliedu. Allega wkoll li t-tifel tal-esponent kien qieghed imur iffitxu d-dar t'ommu, madanakollu fuq il-pedana tax-xhieda omm Joseph Borg stqarret li huwa minnu li gieli kien hemm xi flus li marru jfittxu lil binha d-dar madanakollu stqarret li ma kienitx taf mm kien qed imur ifittex lil binha (Konferma ohra Ii Joseph Borg gideb taht gurament).

Nhar -20 ta' Novembru 2012, Joseph Borg sarlu l-kontro-ezami mid-difiza. Joseph Borg ma kien komdu xejn jirrispondi d-domandi tad-difiza. Konvenjentament kwazi ghal kull domanda Ii saritlu mid-difiza, Joseph wiegeb li ma jiftakarx. Filwaqt li huwa minnu li kien ghadda iz-zmien meta gara il-kaz, madanakollu bl-akbar rispett jkun hemm kazijet partikolari li wiehed ma jinsihom qatt. Jghaddi kemm jghaddi zmien, il-venta' tibqa dik li hi. Joseph Borg ma jiftakarx jekk issellifx xi flus minghand l-esponent. Joseph Borg ma jiftakarx jekk saritlux strip search jew le mill-pulizija qabel ma mar il-garage tal-esponent. Joseph Borg ma jiftakarx li l-pulizija kienu nizzluh hdejn l-iskola ta' Hal-Qormi sabiex imbaghad jimxiha lejn il-garage tal-esponent (ghax lanqas biss jiftakar fejn nizzluh). Joseph Borg kumbinazzjoni lanqas jiftakar jekk qabel ma mar fil-garaxx tal-esponent waqafx x'imkien u dana minhabba l-fatt li ghand l-esponent dam ma wasal fuq ghoxrin minuta minn wara li kienu telquh il-pulizija hdejn l-iskola ta' Hal-Qormi qrib hafna tal-garage fejn fi ftit minuti kellu jasal. Joseph Borg ma ftakarx li fix-xhieda tieghu kien ghamel akkuza infondata fil-konfront ta' iben l-esponent li kien qed imur ifitxxu d-dar t'ommu.

Madanakollu fl-istess kontroezami Joseph Borg ftakar li gie lura mill-Ingilterra fl-1997, li ilu ma jahdem sittax il-sena u li ilu li hareg mill-habs minn Awwissu tas-sena 2000 u illi dam tlett snin u nofs il-habs. Prattikament Joseph Borg jiftakar fuq kollox hlief meta taghmillu d-domandi fuq dan il-kaz inkwistjoni (u dan irid jitwemmen?!).

Bl-akbar rispett, il-Prosekuzzjoni baqghet ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu

ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni u dana ghall-fatt li l-provi tal-prosekuzzjoni huma bbazati biss fuq prezunzjonijiet u kongetturi. Kwindi l-prosekuzzjoni baqghet qatt ma ppruvat il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali.

Illi fl-analizi tal-provi wiehed ma jistax ma jsemmix illi matul l-kors tal-proceduri hareg illi Joseph Borg, bniedem li la huwa kredibbli u lanqas affidabili nforma lil Pulizija li huwa kien allegatament xtara l-eroina minghand certu wiehed il-Pupa (l-esponent) u illi huwa kien lest illi jghin hI pulizija sabiex jaqbdu lill-Pupa fil-fatt. Joseph Borg icempel quddiem l-investigaturi fuq il-mobile number 79209010 U jiftiehem mal-persuna li kelmitu fuq il-mobile sabiex imur jigbor tlett isriedaq. Qatt ma gie stabbilit mill-Prosekuzzjoni li Joseph Borg verament kien cempel u kellem lill-esponent. Jigi rilevat li lanqas mir-rapport ta' l-espert forensiku Martin Bajada, datat nhar it-18 t'Awwissu 2003 li gie nominat sabiex johrog l-informazzjoni kollha possibbli minn fuq is-SIM Cards, tal-mobile phones tal-esponent ma rrizulta li Joseph Borg kien cempel u kellem lill-esponent. Minn naha l-ohra l-esponent fix-xhieda tieghu cahad li dakinhar kien ircieva xi telefonata minghand Joseph Borg. Gie stabbilit ukoll li Joseph Borg dam fuq ghoxrin minuta sabiex wasal ghand l-esponent u dana meta l-pulizija waqfitu vicin hafna tal-garage. Joseph Borg stqarr li setgha' dam daqshekk biex wasal ghand 1-esponent ghax tfixkel it-triq. Jekk dan huwa minnu, dma hija l-aqwa prova li Joseph Borg mhux vera li kien imur ta' spiss ghand l-esponent kif kien qal l-istess Joseph Borg ghaliex kieku ma kienx jitfixkel it-triq. Barra minnhekk tenut kont il-hin li ha sabiex wasal l-imsemmi Borg wasal ghand l-imputat kif ukoll tenut kont illi m'hemm xejn li jorbot lill-imputat mad-droga li nstabet fuq Borg (a. ma nstab xejn konness mal-abbuzz tad-droga ghand l-esponent, b. ma kienx hemm mechanical fits ghar-rigward il-boroz li nstabet id-droga fihom u xi boroz li kienu ghand l-esponent, c. ma nstabet l-ebda fingerprint tal-esponent fuq il boroz li nstabet id-droga u d. ma nstabet ebda prova ta' komunikazzjoni bejn l-esponent u Joseph Borg u fatti ohra diga msemmija). Gie stabbilit ukoll li fis-search illi ghamlet il-pulizija gewwa l-proprjeta tal-esponent la nstabet droga u lanqas nstabu oggetti relatati mat-traffikar jew it-tehid tad-droga. L-esponent dejjem insista

u zamm mal-verzjoni Ii dejjem ta, dik Ii Iii Joseph Borg kien sellfu xi flus u dakinhar li mar ghaddilu pagament relatat mas-self tal-flus. Gie stabbilit ukoll li konfront bejn Joseph Borg u 1-esponent qatt ma sar. Gie stabbilit ukoll li mill-ezamijiet li saru mill-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li ma kienx hemm mechanical fit bejn iz-zewg boroz tal-plastic li fihom kien hemm trab kannella. Wiehed jargumenta illi dawn il-boroz ma setghux kienu tal-individwu. Fingerprints tal-esponent ma nstabu go l-ebda wahda mil-boroz tal-plastik.

L-ewwel Onorabbli Qorti sostniet li fix-xhieda tieghu l-esponent lanqas biss ftakar meta kien gara il-kaz u kien biss fuq suggeriment tal-Avukat Difensur illi qal illi seta' kien Jannar. Tajjeb illi jigi ccarat illi meta l-esponent qal li kien zmien il-maghlef taz-zwiemel huwa kien qed jirreferi ghal zmien il-pagament tal-maghlef taz-zwiemel, ghax filwaqt li zmien il-maghlef taz-zwiemel huwa fis-sajf madanakollu l-hias tal-maghlef isir fix-xhur ta' bejn Settembru u Frar.

Jigi sottomess li filwaqt li Joseph Borg jallega li huwa kien xtara erba grammi minghand l-esponent, jirrizulta li l-ispizjar Mario Mifsud u l-Analista Godwin Sammut ikkonkludew li l-ammont totali t'eroina kien ta' 3.507 grammi. Tant kemm Joseph Borg mhuwiex kredibbli li filwaqt li fl-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-pulizija nhar is-7 ta' Jannar 2003 huwa jtenni li kien xtara l-eroina ghal-prezz ta' tmienja u ghoxrin lira Maltin, tlett gimghat wara proprju nhar id-29 ta' Jannar 2003 fuq il-pedana tax-xhieda huwa jistqarr li l-eroina xtraha ghall-prezz t'ghoxrin lira Maltin. Bl-akbar rispett filwaqt illi l-ewwel Onorabbli Qorti hadet konsiderazzjoni tax-xhieda ta' Joseph Borg
u ikkonkludiet illi l-istess Joseph Borg kien xtara minghand l-esponent erba grammi eroina ghall-prezz t'ghoxrin lira Maltin il-gramma, madanakollu naqset milli tiehu konsiderazzjoni li fl-istqarrija Ii rrilaxxa lill-pulizja l-istess Joseph Borg tlett gimghat qabel kien stqarr li l-eroina giet tiswih tmienja u ghoxrin lira Maltin.

Illi fil-fehma umli tal-esponent dan huwa kaz li principalment jistrieh fuq provi cirkostanzjali. Provi cirkostanzjali ghandhom ikunu holqa wara l-ohra, univoci, li

jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fatt ta' mhux ftit importanza hu li dan il-kaz ossia l-allegata controlled delivery kellha l-bidu taghha minn telefonata wahda u partikolari. il-prosekuzzjoni tistrieh hafna fuq din it-telefonata. Li hu zgur hu li m'hemm xejn fl-atti li oggettivament jorbot lil din it-telefonata mal-imputat. Din il-materja hemm numru ta' domandi li ma hemmx risposta ghalihom. Min jista' mill-prosekuzzjoni jiddikjara li saret it-telefonata fuq numru li mieghu ghandu konnessjonijiet l-imputat?! Min jista' mill-prosekuzzjoni jikkonferma li fuq in-naha l-ohra tat-telefonata, jekk din saret, kien hemm effettivament l-imputat?!

Minn naha tieghu, l-esponent kemm fil-verzjoni tieghu, li hija konsistenti (ara stqarrijiet u d-depozizzjoni tieghu) kif ukoll mix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti , ixxaqqaq sal-grad tal-probabli, l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li kellu fil-pussess tieghu droga eroina, li huwa kien jispacca din id-droga jew li kien spacca d-droga eroina.

Jigi sottomess bir-rispett li l-esponent a bazi tar-rizultanzi processwali, m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjonijiet ta' traffikar ta' droga eroina, tal-pussess aggravat ta' tali sustanza u tal-pussess semplici tad-droga eroina u minnhom ghandu jigi liberat skont il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Bl-akbar rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx konsiderazzjoni ta' trapass taz-zmien minn meta sar ir-reat, l-eta', il-mard kif ukoll il-kwantita' u l-valur tal-allegat droga kif ukoll is-sitwazzjoni prezenti tal-imputat. L-esponent umilment jemmen illi c-cirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel aggravvju minnu intentat l-appellant jissolleva n-nullita parzjali tad-decizjoni impunjata u dan fit-termini ta'l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghad-disposizzjonijiet tal-ligi li jirreferu ghas-sejbien ta' htija ghar-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u cioe' ghal dawk ir-reati mahsuba fil-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji. Illi allura qabel ma tinoltra ruhha fl-aggravvji marbuta mal-mertu, din il-Qorti trid neccessarjament qabel xejn titratta dan il-pregudizzjali imqanqla mill-appellant.

Illi l-appellant gie b'mod ewlieni akkuzat bir-reati dwar it-traffikar u il-pussess aggravat tad-droga eroina. Illi madanakollu fir-raba u il-hames imputazzjonijiet l-appellant jigi ukoll addebitat bir-reati mahsuba fl-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u dan meta sellef flus minghajr ma kellu id-debita licenzja skont il-ligi bi ksur ta'l-artikoli 3 u 22(1) u (3) tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm fl-akkuza din tigi ukoll erronjament indikata bhala l-artikolu 22(2) ta'l-Att.

Issa d-*decide* tas-sentenza impunjata taqra hekk:

**"Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija tal-akkuzi kollha migjuba kontra Rosario Brincat b'dan illi tqis illi t-tieni (2) u t-tielet(3) akkuzi huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuza, u dan wara li rat:**

**Ir-Raba' u s-Sitt (IV u VI) Taqsima tal-Ewwel Skeda;**

**L-Artikolu 22(1B), u 22(2)(b) - ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**GN 292/1939;**

**LS 101.2002l**

**L-Artikoli 3, u 22 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Qorti ordnat ukoll illi tigi ezebita l-fedina penali aggornata tal-imputat.**

**Dwar il-piena, tikkundanna lil Rosario Brincat ghal piena ta' erba' snin u nofs (4 ½); u ghal multa ta' tmint elef Ewro (€8,000)."**

Illi ibda biex l-Ewwel Qorti tonqos milli tindika dawk ir-regolamenti kemm tal-Government Notice 292/1939, kif ukoll tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.2002, indikat ukoll erronjament bhala 101.2002l, li taghhom hemm il-vjolazzjoni. Fuq kollox din il-legislazzjoni sussidjarja hija wahda u unika, b'dik indikata bhala 101.2002 ma hi xejn ghajr l-Avviz tal-Gvern 292 tal-1939, kif sussegwentement emendata. Mhux biss, izda kif tajjeb jissolleva l-appellant fl-ewwel aggravvju tieghu, l-Ewwel Qorti tonqos milli tindika dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom instabet htija ghar-raba u hames imputazzjonijiet, x'aktarx ghaliex dawn jigu indikati erronjament li jaqghu taht il-Kapitolu 276 u mhux il-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fatt il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Att dwar l-Estradizzjoni li ma ghandu xejn x'jaqsam mar-reati li dwarhom l-appellant instab hati fil-proceduri odjerni.

Illi allura maghdud dan hemm in-nullita' parzjali tas-sentenza appellata u dan kif jikkontendi l-appellanti. L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jiddisponi illi:

"Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti illi taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**."

Issa ghalkemm l-artikoli tal-ligi fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u it-tielet akkuzi li dwarhom kienet qed tinstab htija gew iccitati korrettement mill-Ewwel Qorti, ghalkemm ma hemmx indikazzjoni tar-regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 li tahthom kienet qed tinstab htija ukoll, madanakollu dawk li jitkellmu dwarhom ir-raba u l-hames imputazzjonijiet ma gewx iccitati, bl-Ewwel Qorti erronjament taghmel referenza ghal-Kapitolu 276 minflok it-376 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalkemm dan seta' kien *lapsus calami*, kif jikkontendi l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu, dan madanakollu ma jeradikax in-nullita li titkellem dwarha il-ligi.

Premess dan allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-Qorti ma hijiex f'posizzjoni, bhala Qorti ta' revizjoni, tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita l-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-

izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma' l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**" [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti, tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali tordna illi l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu w l-aggravji tal-appellanti jigu ikkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur